# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Gunju 2016**

Rikors Guramentat Nru. 155 / 13RGM

Kawza fil-lista: 7

**AB**
**vs**
**CD *sive* E F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar it-3 ta' Mejju 1991 fl-Imsida kif jidher mic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom tlett itfal u cioe Julia B li ghandha 21 sena, Deborah B li ghandha 19-il sena u Stefan B li ghandu 13-il sena;

3. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu 1-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat ghax ghalkemm mhux interdetti jew morda b'mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar z-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Tghid ghalhekk l-intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Mejju,1991 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-Art.19(1d), (1f) u 1(h) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

Illi l-esponenti taqbel illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet ta' nhar it-3 ta' Mejju 1991 gewwa l-Msida ghandu jigi dikjarat null kif mitlub mir-rikorrent;

Illi rninghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti taqbel li l-kunsens tal-partijiet jew xi wiehed jew wahda minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu 1-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg abbazi tal-Artikolu 19(1d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti taqbel li l-kunsens tal-partijiet jew xi wiehed jew wahda minnhom kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u tad-dritt ghall-att taz-zwieg abbazi tal-Artikolu 19(H) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti taqbel li l-kunsens tal-partijiet jew xi wiehed jew wahda minnhom kien vizjat ghaliex ghalkemm mhux interdetti jew morda b'mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan abbazi tal-Artikolu 19(1h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi rninghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalunkwe kaz, l-esponenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-affidavit ta’ John B, missier l-attur, anness ma’ nota pprezentata fl-24 ta’ Settembru 2013;

Rat l-affidavit ta’ Aldo B, hu l-attur, anness ma’ nota pprezentata fl-24 ta’ Settembru 2014, u ta’ Joseph Cassar, habib tal-attur, anness ma’ nota pprezentata fl-10 ta’ Ottubru 2014;

Rat l-affidavit ta’ Marica F, l-konvenuta, ta’ Antionette Micallef, ta’ AF, ta’ Carmen F u ta’ Pauline Borg, annessi ma’ nota pprezentata fid-9 ta’ Novembru 2015;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur ipprezentata fil-15 ta’ Frar 2016;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta pprezentata fl-4 ta’ Marzu 2016;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-17 ta’ Marzu 2016, meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza;

**IL-PROVI.**

**John B**, fl-affidavit tieghu, Fol 11, ddikjara li ghandu zewg ulied, l-attur Mario, u Aldo. Sar jaf lill-konvenuta, Marica F meta ibnu Aintroduchielu meta kien hadha d-dar tieghu ghall-ewwel darba, kienet l-ewwel tfajla li Ahareg maghha bis-

serjeta'. Hu jghid li l-konvenuta ma tantx kellha fervur biex tizzewweg u kien jaraha marbuta wisq mal-familja taghha. Hu jahseb li din kienet wahda mir-ragunijiet li wasslet ghat-tifrik taz-zwieg taghhom billi wara x-xoghol Ama kienx isibha d-dar, kien jsib nota li hi marret ghand ommha, li kellha bzonn l-ghajnuna ta' Marica, anke ghax kellha iben (illum mejjet) bi bzonnijiet specjali. Ghalkemm kellha zewg hutha ohra, kienet Marica l-unika wahda li ddur b'ommha u huwha. Waqt l-gherusija, Marica tilfet lil huha John, li kkometta suicidju, u dan kellu effett negattiv fuq Marica, u fir-relazzjonijiet taghha ma' ohrajn, partikolarment ma' Mario. Marica kienet aktar mohhha fil-familja taghha, milli f'zewgha, u Akien mdejjaq b'dan l-agir ghax hass li ma kinitx itih l-importanza li tixraqlu bhala zewgha.

Jghid li Marica ghandha karattru maghluq hafna, bilkemm titkellem, hi rizervata u 'introvert'. Qatt ma kienet turi gest ta' affezzjoni fil-konfront ta' Mario, l-anqas meta hadilha bukkett fjuri meta kienu ghadhom gharajjes. Fl-gherusija kienet riedet 'break', izda Ama riedx ghax beza li ma jibqghux flimkien. Fil-gimgha ta' qabel iz-zwieg kienet hassret u riedet li jithassar kollox, kienu tlewmu izda wara rrangaw. Jghid li kieku ma kinitx ghall-insistenza ta' Abiex jizzewgu, Marica ma kinitx tiehdu dan il-pass. Kien jaraha xxaqleb aktar lejn hajja religjuza milli hajja matrimonjali. Ftit qabel zzewgu hi kienet fil-Mixja Neo-Katekumenali, ddeciediet li tbiegh l-vettura taghha ghall-karita' u hekk ghamlet ghax ikkonvincewha li 'taghmel tezor fis-sema', Ama kienx qabel billi kienu ser jizzewgu u jibnu familja. Flus ma tantx kellhom. Marica insistiet li jisseparaw, Ama riedx u baqa jipprova jsalva iz-zwieg. Qabel sseparaw qaltlu li fl-gherusija kienet ghamlet minn kollox biex tgerxu u ma jizzewgux.

**Aldo B**, hu l-attur, fl-affidavit tieghu, Fol 24, kkonferma li l-attur kien entuzjast fuq Marica, hi kienet l-ewwel tfajla bis-serjeta' li kellu. Hu kien jiehu pacenzja biha. Kienet membru fil-Mixja Neo-Katekumenali, u ghalkemm hu ma kellux interess xorta gieli kien jakkompanjha. Kienet impenjata hafna b'dawn il-laqghat, tant li gieli hargu wara l-11p m. wara li tispicca minn xi laqgha. Akien "thawwad" wara s-suwicidju ta' John, hu Marica fin-1989. Fl-gherusija, minhabba l-inkompatibilita' tal-karattru taghhom, kienu spiss jitlewmu u ma jafx kif izzewgu. Ma kienx jarhom bhala koppja normali, Marica riedet thassar ftit gimghat qabel it-tieg, u kien Ali insista biex jkomplu bil-preparamenti u spiccaw biex izzewgu. Fiz-zwieg Ama kien jidher li ma hux kuntent, kien jkun spiss wahdu id-dar billi Marica kienet tohrog ma' ommha u huwha, Valerio. Akien dizzappuntat ghax dehrlu li Marica kienet aktar taghti attenzjoni lill-familja taghha milli lilu. Aqisu ma kienx important fil-hajja ta' Marica. Akien dahal ghal riskju meta izzewwigha, minnhabba l-karattru taghha, u li fil-familja taghha kien hemm problem ta' sahha mit-twelied, kien jaf li kien hemm possibilita' li jkollu

tfal bi bzonnijiet specjali pero' billi kien jhobbha dahal ghal dan ir-riskju 'mhux zghir'.

**Joseph Cassar**, habib antik tal-attur, fl-affidavit tieghu, Fol 26, ddikjara li ilu jaf lill-attur ghal madwar 30 sena. Jafu bhala bniedem serju, kwiet u edukat, b'qalbu tajba, valuri sbieh, u trobbija tajba minn genituri ezemplari. Akien inkwetat li Marica iktar kienet taghti importanza lill-Mixja Neo-Katekumenali milli lilu sia bhala gharus kif ukoll bhala zewgha. Semma' l-incident meta hi riedet tbiegh il-karozza ghall-karita' ftit qabel iz-zwieg meta ma kienux f'posizzjoni finanzjarja tajba. Akien preokkupat fuq il-futur tat-tfal, kien jhobb lil martu hafna u qatt ma xtaq li jisseparaw. Kien jilmenta mill-fatt li fid-dar spiss kien jkun wahdu billi Marica kienet tmur ghand ommha u hu kien jsib nota fuq il-mejda tal-kcina. Marica kienet aktar tiddedika l-hin taghha ghall-familja taghha milli ghal zewgha u wliedha. Akien jkun mdejjaq billi fl-ahhar snin taz-zwieg harget l-inkompatibilita' ta' bejniethom, skond ix-xhud l-attur illum ghandu relazzjoni ohra u jinnotah differenti 'u zgur ferm aktar kuntent u trankwill'.

**Marica F**, l-konvenuta, fl-affidavit taghha, Fol 34 et seq, ddikjarat li ltaqghet mal-attur, AB,f'Jannar 1987 bl-ghajnuna tal-Moviment ta' Kana billi kienet rat avviz fil-magazin taghhom li guvni xtaq isib siehba bil-ghaqal. Tammetti li hi misthija u kellha 'low self esteem'. Bdew jiltaqghu ta' spiss u wara ftit gimghat hu insista li jiltaqghu kuljum. Hi kienet tattendi darbtejn fil-gimgha ghal-laqghat tal-komunita' kattolika, hu kien jinsisti li johodha u jigborha, xi drabi kienu johorgu wara il-laqgha, tard bil-lejl. Hu kien jinsisti fuq il-hrug mentri hi xtaqghet li jkollha aktar hin ghaliha. Billi kienet misthija ma kinitx tkun komda tghidlu li ma riditx tohrog, izda hu kien bniedem perswaziv, kien jahdem ta' reporter, spiss kien jaghtiha rigali u fjuri, tant li hi hasset li kien qed jesagera bir-rigali. Kienet tghidlu li mhux rigali riedet izda is-sincerita' billi ndunat li ma kienx jghidilha l-verita' kollha. Wara ftit granet li ltaqghu kien jghidilha li jhobbha u ried jizzewwigha. " Kollox kien 'fast forward'. Meta qaltlu li kellha huwha u ohtha b'disabilita' nkoraggiha taghmel test mediku mentri hu ma qalilhiex li hu kellu 'scholeosis'.

Fl-gherusija kien qalilha li ried jghaggel ghax kien jhobbha, ried jitlaq mid-dar ghax ma kienx jaqbel ma' ommu, u li aktar ma jikbru aktar tizdied il-possibilita' li jkollhom tfal 'disabled'. Tant ried jghaggel li cedew plot tal-Gvern li kienet telghet bil-polza, billi ma riedx jistenna d-dar tinbena, u ried post finished. Hi tghid li kienet sinciera mieghu u qaltlu kollox; li ghandha ghal qalbha l-Kommunita' NeoKatekumenali, li xtaqet tibqa' tattendi anke wara z-zwieg, li riedet tibqa' tghin lil ommha u lil huha li kien 'disabled'. Hu min-naha l-ohra ma kienx daqshekk sincier maghha, kienet hi li ndunat bid-difett fiziku tieghu li ma kienx qalilha bih, kien jiddependi mill-genituri tieghu biex jiehu certi

decizzjonijiet, kien jqum jghajjat bil-lejl, kien ossessjonat li l-mara ghandha tkun ubbidjenti lejn ir-ragel, kien icempel lill-ommha biex jikkonferma qaltlux il-verita'. Tghid li ma kienx jemminha ghax hu stess  ma kienx jghidilha il-verita' kollha. Tinsisti li dahaq biha billi kien qalilha li jappoggjha fil-laqghat mal-Komunita' u mal-familja taghha, mentri wara z-zwieg dan l-appogg naqas kif naqas l-hrug mal-familja taghha. Kien jahbi minnha kull haga li setghat turtaha u kien jipposa ta' persuna li fir-realta' ma kienx. Kien hemm zmien meta ma kienitx certa minnu u riedet 'break' pero' hu mill-ewwel cempillha u hi ikkumpatietu u thassrithu, u rrikonciljaw.

Tiddikjara li Akien jilghab bl-emozzjonijiet taghha b'mod li kien jikkondizzjonha, jekk kienet tghidlu li ser titilqu kien jghidilha li jikkommetti suicidju u dan kellu aktar effett fuqha billi tilfet lil huha John b'dan il-mod meta kienu ghadhom fl-gharusija.

Wara z-zwieg l-atteggjament ta' Anbidel, mhux talli ma baqghax jakkompanjha ghall-laqghat tal-Kommunita' izda beda joggezzjona li hi tmur ghal dawn il-laqghat billi postha kien fid-dar. Anke missieru beda jindahhal u kien hemm okkazzjoni meta waqt celebrazzjoni harguha u tawha hasla li postha kien fid-dar. Aqatt ma agixxa ta' partner fiz-zwieg, ried qisu ommu ohra. Iz-zwieg ghalih kien ifisser li jkollu xi hadd  jiehu hsiebu.  Tghid li Akien 'childish' u 'babyish', kien jaghmel pressjoni fuq il-genituri tieghu bil-biki, 'self pity' u jiggieled maghhom jekk ma jiehux li jrid. Baqa' tifel tal-papa, qatt ma kien kapaci jaggixxi ta' ragel adult. Anke finanzjarjament kien baqa' dipendenti fuq missieru. Fid-dar ma kien imid idu ghal xejn, kien jipprettendi li taghmillu kollox martu, anke tibblakkalu z-zarbun. Ir-responsabilita' waqghet kollha fuqha, harget tahdem billi il-paga tieghu ta' security guard kienet mizera. Waqt xi argument kienet tghidlu li qatt ma riedet tizzewgu u li qatt ma habbitu, kienet bdiet tevitah, tohrog bit-tfal ma ommha u hi ghazlet li tahrab l-inkwiet flok tiggieled. Kien jaghmel xenati u ghajjat quddiem it-tfal, kien hemm okkazjonijiet meta refa' idejh fuqha. Anke mat-tfal kellu incident, tant li kienu ghamlu rapport mal-pulizzija, izda t-tfal hafrulu u rrtiraw r-rapport. Ghalkemm Akien persuna totalment differenti wara iz-zwieg, hi baqghet dejjem lejali sas-sena 2008 meta sabet nota ta' mhabba fil-'waste bin' li Akiteb lil mara kollega tieghu fuq ix-xoghol. Fil-bidu cahad, izda wara ammetta, ipprometta li din il-hbieberija ser tieqaf u hafritlu. Pero' wara xi zmien ndunat mill-mobile tieghu li din ir-relazzjoni ma wafqitx, kif konfermat mill-poezija li sabitlu li kiteb ghall-istess mara. Hassitha mkissra u rrabbjata u xorta baqghet issajjarlu u sseftirlu. Meta Abaqa' jordna qisu ma gara xejn, din kienet it'-turning point' ghaliha u ddecidiet li ma tibqax torqod mieghu, ghal-ewwel bdiet torqod fil-kamra tat-tifel u wara fil-washroom, mal-art fuq saqqu, shana fis-Sajf u bard fix-Xitwa. Damet hekk sad-data tas-separazzjoni, is-sena 2013. Ghaliha t-tfal kienu kollox,

kienet tiftah qalba maghhom u huma maghha, pero' Al-anqas mat-tfal ma kellu relazzjoni tajba.

Dwar dak li gie dikjarat fl-affidavits tal-kontroparti hi kkontest l-allegazzjoni li kien hemm nuqqas ta' affezzjoni da parti taghha u ddikjarat li ma kinitx komda taghmel certi gesti esagerati fil-pubbliku billi hi mara misthija u riservata. Taghmel referenza ghall-ittra li kitbilha John B, missier l-attur, li kien talabha taghti cans u twaqqaf il-process ta' separazzjoni, li kien Ali zbalja u li talabha tahfirlu. L-ittra hi markata Dok H. Hi tikkonkludi l-affidavit taghha hekk;

"Jien nemmen li l-immaturita' u l-personalita' doppja ta' Akif skoprejt sew wara z-zwieg, ghandha tkun ir-raguni ghalhiex dan iz-zwieg ghandu jigi annullat.
Adahaq bija matul l-gherusija billi malizzjozament hadem sabiex jurini persuna li fil-verita' ma kienx. Ma kienx matur bizzejjed sabiex jerfa r-responsabilita' ta' hajja mizewga u kif jidher car mill-affidavits taz-zewg nahat, Aqatt ma rnexxielu jaqta' d-dipendenza fuq il-genituri tieghu".

**Antionette Micallef**, habiba tal-konvenuta, fl-affidavit taghha, Fol 61 ikkonfermat li kienu ltaqghu fil-Kommunita' Neo-Katekuminali fil-Parocca ta' Hal Balzan fejn it-tnejn kienu membri. Fl-gherusija Akien jattendi ghall-laqghat maghha, wara z-zwieg rari kien imur u meta kellha it-tfal kienet tattendi bit-tfal zghar. Hi kkonfermat li Marica hi misthija pero' fethet qalbha maghha u kkonfermatilha li fiz-zwieg kienet ghaddejja minn tbatija psikologika u emozzjonali kbira. Hi persuna kwieta, misthija, omm hanina u mara ta' valuri, genwina fi kliemha. Zewgha kien dejjem idahhal il-genituri tieghu fin-nofs fit-tilwim li kien ikollu maghha, f'dawn l-ahhar snin ratha tonqos drastikament fil-piz, ma taghtix kas ta' kif tidher, bla sahha u bil-pressjoni baxxa, mentri lil Akienet tarah liebes pulit, dejjem wahdu jew ma' huh. Marica kienet tghidilha li zewgha kien juri kemm hu ragel sew man-nies izda fid-dar kien jaqla' hafna inkwiet. Hi tghid li kien jiddispjeciha li t-tfal kienu esposti ghal dan l-inkwiet li ma kienx ta' gid ghalihom fil-formazzjoni tal-karattru taghhom. Kien hemm zmien meta Marica tant kienet imkissra psikologikament li offrietilha tqatta' xi zmien fid-dar taghha.

**AF**, hu l-konvenuta, fl-affidavit tieghu, Fol 62, jiddikjara li meta ohtu ltaqghet mal-attur kellu r-rizervi tieghu jekk kienx matur bizzejjed biex jizzewweg, u ghalkemm haseb li kien ser jimmatura biz-zwieg, Abaqa' nieqes mill-maturita' mehtiega ghal zwieg validu. Hu jahseb li Aha vantagg minn Marica li kienet misthija hafna u uza pressjoni psikologika fuqha. Akellu gesti bombastici bhal l-ghoti ta' hafna rigali li ma kienux gesti normali. Socjalment dejjem zamm distanza mill-attivitajiet tal-familja ta' martu, u meta kien jattendi kien jkum l-

ewwel wiehed li jitlaq, u meta ma jkunx prezenti hu kien iccempel lill-mara, li anke jekk kienet qed tiehu pjacir kien jkollha titlaq.

Arari kien imidd idejh fix-xoghol ta' manutenzjoni tad-dar, u kien wera nuqqas ta' maturita' meta kien jinvolvi lill-genituri tieghu kull darba li kellu xi kwistjoni ma' martu.

**Carmen F**, fl-affidavit tagha Fol 64 ikkonfermat li ilha taf lill-konvenuta ghal madwar 28 sena, dejjem mat-tfal u taghmel sagrificcji ghal haddiehor. Hi mara misthija pero' kienet fethet qalbha maghha dwar il-problemi li kellha ma' zewgha, li kien anke jkellem ma' shabu fuq ix-xoghol fuq l-affarjiet intimi ma' martu. Din kienet immaturita' li iddejjaq hafna lil Marica. Zewgha ma kienx jikkopera maghha meta kienet taghmel xi party ghat-tfal, tant li x-xhud offrietilha li il-party taghmlu ghandha. Kien hemm okkazjoni meta x-xhud u zewgha kienu mistiednin u ftehmu ma' Marica, biex it-tfal jaghmlu lejl ghandha, l-ghada meta marru ghalihom skoprew li Akien ghamel xenata shiha biex ftit wara, ha lil uliedu ghand ix-xhud biex johorgu hu u Marica. Ix-xhud iddikjarat li b'dan l-incident ikkonfermat l-immaturita' tal-attur u n-nuqqas ta' rgulija tieghu. Marica dejjem habbet il-familja u pprovat issalva z-zwieg anke meta indunat li zewgha kellu hbiberija ma' mara ohra u kienet hafritlu.

**Pauline Borg**, oht il-konvenuta, fl-affidavit taghha, Fol 66 iddikjarat li meta ohtha bdiet tohrog ma' Adan kien dejjem jaghtiha ir-rigali u bukketti tal-fjuri anke jekk ma kien hemm l-ebda okkazzjoni partikolari. Marica hi persuna misthija, gentili u generuza u qatt ma twegga lil hadd, aktar u aktar min jaghtiha r-rigali. Ix-xhud tiddikjara li dan Akien jafu u ha vantagg minnha. Hi kkonfermat li Marica kienet membru entuzjast fil-Komunita' Neo- Katekuminali fil-Parocca ta' Hal-Balzan u tattendi regolarment ghal-laqghat. Fil-bidu, Akien jattendi u jippartecipa pero' biz-zmien l-interess tieghu beda jonqos, sar possessiv u beda jtellifha milli tgawdi dak li kien ghal qalba, l-laqghat, l-okkazzjonijiet socjali mal-hbieb u mal-familja. Qabel izzewgu nqalghet l-opportunita' ta' vjagg fi Spanja mal-grupp, b'inkontru mal-Papa u ghalkemm Marica kienet mgenna biex tmur hu beda johloq l-ostakoli u biex xi spiccat hallsitlu l-ispejjez. Waqt il-vjagg xorta wahda kienet nervuza u anzjuza minhabba fih.

Kien naqas li jikkopera meta huhom John kellu bzonn kura medika, spicca biex ikkommetta suwicidju, ghax kien joggezzjona li Marica twasslu bil-karozza taghha. Marica nbiddlet kompletament wara li bdiet tohrog ma' Mario, kien jikkontrollaha, kien jaghtiha r-rigali, kien jghidilha li jikkommetti suwicidju jekk titilqu, qatt ma ta l-hin u l-ispazzju biex tirrefletti b'mod kalm u tiehu d-decizzjonijiet tajba. Akien jemmen li l-mara ghandha dejjem tissokkombi ghal

dak li jrid ir-ragel. Kien icempel lil ommha biex jivverifika qaltlux il-verita'. Akellu karattru stramb u imprevedibbli. Ix-xhud tghid li kienet tmur ghandhom ghall-break mix-xoghol, ghall-ewwel kien kordjali, izda wara ftit cempillha u qalilha biex ma tmurx izjed. Akien jinvolvi lil missieru fi kwistjonijiet ma' Marica, darba galuha tohrog f'nofs quddiesa, biex jghidulha li postha hu d-dar. Ama kienx matur ghaz-zwieg, kien dejjem idahhal lill-genituri tieghu f'kull kwistjoni li kien jkollu mal-mara jew mat-tfal. Meta tilef l-impieg li kellu ma ippruvax isib impieg iehor, anke jekk kellu familja xi jmantni. Marica kien jkollha tekonomizza, kienet tidher dejjem ghajjiena, kien irnexxhielu jizolha mill-familja taghha, nbidlet kompletament mill-persuna dahqana li kienet qabel. Is-sitwazzjoni kompliet taggrava billi Marica skopriet li kellu hbiberija intima ma' mara ohra; hi xorta baqghet issajarlu u tahsillu, u meta qaltlu li riedet tissepara kellu l-wicc li jibghat messagg lix-xhud biex tikkonvinci lill-ohtha tibdel id-decizjoni taghha.

Akellu urgenza kbira biex jizzewweg lil Marica, persuna misthija, rizervata u thobb lil ta' madwarha. Tghid li hu abbuza minn natural tajjeb taghha.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu mal-konvenuta, ccelebrat fit-3 ta' Mejju 1991 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi billi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, skond l-Artikolu 19 1(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta; li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga skond l-Artikolu 19 1(f) ta' l-istess Kapitolu; u li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat ai termini tal-Artikolu 19 1 (h) tal-imsemmi Kapitolu billi l-partijiet ghalkemm mhux interdetti, ma kellhomx fiz-zmien li sari z-zwieg, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Il-konvenuta ma kkontestx din it-talba u taqbel li iz-zwieg ghandu jigi annullat ghall-istess ragunijiet, ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, tissottometti li kien biss il-kunsens tal-attur li kien vizzjat u mhux dak tal-konvenuta u ghalhekk l-ispejjes ghandhom ikunu a kariku tal-attur.

Il-Qrati taghna dejjem irritenew l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku u jinhtieg is-salvagwardi necessarji. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma zzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost mill-ligi.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Anna F vs Alexander F**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal hekk:

" F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' xi kreditu likwidu jew responsabbilita' ta' xi kollizzjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u il-Qorti ma tistax thalli n-nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddecidu li kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fiz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din d-deskrizzjoni u jsiru mature. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minnghajr dubbju."

Fil-kawza fl-ismijiet " **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** " deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' jannar 2006 intqal hekk:

"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."

Fil-kawza fl-ismijiet " **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Lulju 1987 ntqal hekk:

" Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn hu ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett...... Ghall-Qorti n-nullita' hi haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament."

Dwar il-validita' tal-kunsens moghti, fil-kawza fl-ismijiet " **Lawrence Attard vs George Attard"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2011 gie dikjarat li:

"Il-kapacita' hija r-regola; l-inkapacita' l-eccezzjoni.......Biex persuna tkun kapaci ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu; bizzejjed l-uzu tar-raguni li tippermetti li jkun jaf x'inhu jaghmel".

**L-kawza qed issir ai termini tal-Artikolu 19 1 (d), (f) u (h) tal-Kap 255.**

**L-Inkompatibilita' bejn l-Art 19 (1) (d) u l-Art (1) (f)**

Gie diversi drabi dikjarat fil-Qrati taghna, li kawza dwar annullament taz-zwieg imsejsa fuq is-subincis 1(f) kif ukoll fuq is-subincis 1(d) tikkontjeni talbiet kontradittorji, ghalkemm tali kontradizzjoni ma twassalx ghan-nullita' tal-att.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Kenneth Cefai vs Louise Cefai**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Novembru 2011 ntqal:

" Ghar-rigward tal-kompatibilita' tas-sub-artikoli (d) u (f) imsemmija, din il-Qorti, ghal ennesima darba, tirrabadixxi li talba bazata fuq dawn iz-zewg kawzali ma tistax teknikament treggi."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Baldacchino vs Duan**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Dicembru 2010 ntqal hekk:

" It should be noted from the outset that, technically, this case should not have been discussed on its merits, as the two grounds put forward to support a claim for nullity cannot stand together and mutually exclude each other. While claiming that the spouses had sufficient discretion to exclude an intention to marry (simulation), plaintiff is automatically excluding the grounds of lack of discretion; similarly, while claiming a lack of discretion, he is automatically rebutting the ground under paragraph (f), as this implies a positive act of discretion to exclude marriage".

L-istess jinghad fis-sentenza " **Zammit vs Zammit**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Jannar 2006 u s-sentenza "**Arqueros vs Arqueros Moreno**" deciza fit-30 ta' Lulju 2010.

Dan il-kontradittorju fil-premessi u t-talbiet tal-attur immankabilment idghajfu a priori l-azzjoni attrici ghaliex donnu l-istess attur li inizzja dan il-process gudizzjarju bhal dannu ma hux cert fuq liema binarju qed isejjes il-kawza minnu promossa.

**Difett Serju ta' Diskrezzjoni ta' Gudizzju - Gurisprudenza.**

**Artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255**.

***Zwieg ikun null jekk il-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi hadd minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom; jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.***

Gie kostantement ritenut mill-Qrati taghna illi mhux kwalunkwe stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku jwassal ghall-annullament taz-zwieg.

Dwar il-kawzali skond l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2003:

> *Il-kuncett tad-'discretio judici' ma jirrekjedhiex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-giudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghamilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u ir-responsabiltajiet li jgib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.*

Fil-kawza **Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg** deciza mill-Prim Awla talQorti Civili fis 26 ta' Ottubru 2000 ntqal:

> *Id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.*

Aktar recenti, f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet '**Simon Cusens vs Romina Cusens**' (citaz nru 140/10RGM) moghtija fit-12 ta' Frar 2016 li permezz taghha giet konfermata sentenza moghtija fil-prim' istanza intqal illi :-

"In propozitu jinsab ritenut fil-kawza Appell Civili **Josette Spiteri v. George Spiteri** [Vol.LXXXV.II.81] li fil-gurisprudenza patria jkun hemm

difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b'mod sostanzjali, jew ahjar "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju [Prim'Awla **Selina CVella Haber v. Joseph Gatt** – 15.4.1996]. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19[1][d] irid ikun hemm **l-inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku]** (emfasis ta' din il-Qorti) jew konstituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali li tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta` tal-ghazla, li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha. Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi pprovat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." **[Bersini** - citat fil-kawza Prim'Awla **Angela Spiteri Selvaggi v. Joseph Spiteri** deciza 4.11.1994].

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita` ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita` jew edukazzjoni, izda talanqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg [Prim'Awla **Melanie Borg Cardona v. Joseph Borg** deciza 29.10.2003] [vide ukoll Appell Civili **Caroline Grech v. Ian Borg**, deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati].

L-immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una

conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento, ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena" [**Pompedda** – ***Il Consenso Matrimoniale***, u awturi ohrajn citati fil-kawza Prim'Awla **Nicholas Agius v. Rita Agius** deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza Appell Civili **Caroline Grech v. Ian Borg** deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006] supra]. Inoltre, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita` affettiva li jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [***Il Diritto Canonico Matrimoniale*** – **Bersini;** citat fil-kawza Appell Civili **Raymond B v. Carmen B** deciza 27 ta' Jannar 2006].

Applikata l-gurisprudenza appena citata ghall-fatti specie tal-kaz in ezami l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Mix-xhieda tal-konvenuta u x-xhieda minnha prodotta, l-Qorti ma tirriskontrax l-estremi prospettati fl-Artikolu 19 (1) (d). Filwaqt li l-konvenuta xhedet li l-attur ried jghaggel u jizzewgu effettivament kellhom gherusija ta' erba (4) snin mill-1987 sad-1991. Tilmenta l-konvenuta illi matul l-gherusija taghhom u qabel hija kienet involuta f'dik imsejha Mixja Katekomunali. Thossha li kienet traduta mill-attur ghaliex filwaqt li kien weghda li ma kellux diffikulta' li wara li jizzewgu hija tkompli tattendi dan il-grupp neokatekomunali, jirrizulta li wara li zzewgu huwa beda jsibilha l-oggezzjonijiet fir-rigward. Tghid li qabel ma zzewgu kien juri li jaqbel mal-familja taghha fejn kellha zewg hutha b'dizabilita'. Tghid li qabel iz-zwieg "konna nohorgu lil ommi u 'l hija li kien persuna b'dizabilita'. Mid-data taz-zwieg gradwalment saru l-ghadu tieghu." Tghid li ghalhekk kien uza makakkerija maghha ghaliex kien heba minnha dan li verament kien. Pero' dan ma jammontax ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet li timporta l-hajja mizzewga. Huwa evidenti illi ghall-konvenuta il-partecipazzjoni taghha fl-attivitajiet tal-grupp religjuz li kienet tattendi kien importanti f'hajjitha. Pero' l-fatt li wara z-zwieg l-attur beda joggezzjona li hija tattendi ghal tali attivitajiet ma jwassalx ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Il-partijiet kellhom tlett ulied matul iz-zwieg taghhom li llum ghandhom 24 sena, 22 sena u 16 il sena.

L-attur mhux biss ma xhedx hu izda lanqas ressaq lix-xhieda minnu indikati Fr Louis Camilleri, Dun Anton Cassar u Fr Louis Bajada li presumibilment setghu jitfghu dawl fuq l-aspett psikologiku tal-partijiet fiz-zmien li zzewgu.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur jirreferi ghax-xhieda ta' John B minnu mtella bhala xhud fejn dan irrefera ghas-suwicidju kommess minn hu l-konvenuta waqt l-gherusija tal-partijiet u jghid illi "Marica kienet iktar mohha fil-familja taghha milli f'zewgha". Dan John B xhed illi lil Marica ma tantx kien jaraha li kellha fervur biex tizzewweg u li kien jaraha wisq marbuta mal-familja taghha".

Il-Qorti hawnhekk trid tirrimarka illi prattikament ix-xhieda kollha mressqa mill-attur kienu evidentement ekonomici mal-verita', selettivi u bla dubju ma qalux il-verita' kollha. Huwa sorprendenti ghall-Qorti kif ix-xhieda mressqa mill-attur jenfasizzaw, bhal donnu xi nuqqas, li l-konvenuta kienet taghti l-ghajnuna lill-ohtha bi bzonnijiet specjali. Dak li suppost ghandu jitqies bhala valur jarawh nuqqas. Hadd minnhom ma ndenja ruhu jaghmel referenza ghat-trobbija ta' tlett ulied li l-partijiet gabu fid-dinja u trabbew minghajr apparentement diffikultajiet partikolari peress li hadd mill-partijiet u mix-xhieda kollha minnhom prodotti ma jaghmel referenza ghalihom bhal donnu ma ezistewx.

Min-naha taghha l-konvenuta tilmenta li l-attur ma kienx imid idejh fix-xoghol tad-dar. Pero' dwar jekk kienx jaqdi doveri ohra matrimonjali ma ssemmi xejn. Tghid li mat-tfal l-attur kien "xott hafna" u tallega li ma kellux relazzjoni tajba maghhom. Tghid li kien biss fl-istadju tas-separazzjoni li "l-attur beda juri l-maturita' ta' missier u beda jaghmel dak li suppost kellu jaghmel mill-gurnata tat-twelid ta' uliedu". Il-Qorti ma tqisx li dan huwa prova ta' difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-mument li l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg.

Hija l-fehma tal-Qorti illi l-kawzali imsejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (d) ma gietx sodisfacentement ippruvata.

**Ezkluzzjoni Pozittiva taz-Zwieg Innifsu.**

**Artikolu 19(1)(f) tal-Kapitolu 255**.

***Zwieg ikun null jekk il-kunsens ikun vizzjat minhabba l-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u tad-dritt ghall-att taz-zwieg.***

Sabiex zwieg jigi dikjarat null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) jehtieg li ssir il-prova li xi hadd mill-partijiet, fil-mument li qed jigi celebrat iz-zwieg kien qieghed intenzjonalment jeskludi li ser jagixxi bhala parti fiz-zwieg bl-obbligu u r-responsabbiltajiet li z-zwieg igib mieghu. Il-kaz klassiku ta' vizzju ta' kunsens huwa meta xi hadd mill-partijiet jersaq ghal zwieg ta' konvenzjenza. Fi kliem iehor xi hadd mill-partijiet ikun hati ta' simulazzjoni.

Dwar is-simulazzjoni issir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Ottubru 2002 fil-kawza fl-ismijiet "**Lydia Musu' vs Dr Ian Spiteri Bailiey et** li rreferit ghas-sentenzi fl-ismijiet "**Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida**" deciza fl-10 ta' Ottubru 1995 u "**Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk**" deciza fis-16 ta' Jannar 1998 il-Qorti kkummentat hekk;

".....meta l-uniku skop tal-kontraent ikun li jibqa Malta biex jahdem u eventwament jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' intenzjoni, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta ukoll implicitament...... Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi kollha kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghal ghoti tal-kunsens matrimonjali u tinterprethom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tasal imqar sal-grad ta'probabbilita', li kien hemm l-eskluzjoni pozittiva imsemmija."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Al Chahid vs Mary Spiteri**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju 2002 ntqal li:

" wiehed jinnota li taht l-Artikolu 19 1 (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta il-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhhu ma xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tall-annullament taz-zwieg."

Fil-kas in ezami, mill-provi ma rrizultax, li fil-mument tal-kunsens taz-zwieg, l-partijiet kienu qed jeskludu iz-zwieg innifsu jew xi wiehad jew aktar mill-

elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, skond l-Artikolu 19 1(f). L-attur jillmenta mill-fatt li l-konvenuta kienet tqatta hafna hin ghand ommha iddur biha u b'huha li kien bi htigijiet specjali u deherlu li postha kien id-dar mieghu u mhux ghand ommha, u l-konvenuta, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha tissottometti li l-attur dahak biha billi qabel iz-zwieg kien weghedha li jappoggjaha u jakkompanjaha ghall-laqghat tan Neo-Katekumenali li fil-fatt wara li zzewgu naqqas milli jaghamel. Fiz-zewg kazijiet ma jistax jinghad li kien hemm simulazzjoni, parzjali jew totali jew qerq ipprattikat minn parti bi hsara ghall-parti l-ohra. Il-partijiet kellhom tlett itfal, ebda parti ma cahdet lill-parti l-ohra, minn xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Ezaminati l-provi mressqa mill-partijiet hija l-fehma ta' din il-Qorti li mkien ma tirrizulta s-simulazzjoni jew li xi hadd mill-partijiet kien qed jeskludi z-zwieg. It-talba attrici, ghalhekk in kwantu msejsa fuq l-Artikolu 19 1(f) tal-Kap. 255 ma tirrizultax ippruvata, u qed tigi respinta.

L-ahhar kawzali tal-attur tirreferi ghall-Artikolu 19 (1) (h) li jipprovi illi l-kunsens tal-partijiet ikun vizzjat jekk fiz-zmien li sar iz-zwieg ma kellhomx setghat intelletwali li jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg. Tali kawzali ma ssib l-ebda riskontru fil-provi mressqa tant li hadd mill-partijiet ma ghamel referenza ghaliha fin-nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti tqis li anke din il-kawzali ma gietx ippruvata.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenuta tichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef** **Deputat Registratur**